# IL-LSIEN MALTI U L-MALTIN

Int sabiħa, Malta tagħna!
mhux għax malti nfaħħrek jien,
issemmik id-dinja kollha,
magħruf ġmielek kullimkien!

Hekk tibda l-għanja ta' Dr. G. A. Vassallo lil din l-art iż-żgħira tagħna: ifaħħarha għall-ikħal tas-sema tagħha, għax-xemx li ssaħħanha fis-sjuf bla ma xxawwatha u ma tibqax ma tittawlilha ta' kull jum imqar fil-qierañ tax-xtiewi, għal benna tal-għelejjel li trodd il-biedja, għall-insiġ ta' idejn uliedha mill-eqdem żmenijiet, għal fwiħa tal-ward u t-tjeba tal-għasel tagħha.

Ħaġa waħda ma semmiex fuqha, għad li qalilha *mbierka*, għaliex fi żmienu ma laħqux daħlu xi fehmiet li ma kellha xejn xi tridhom billi m'humiex ta' wetqa lil uliedha l-maltin fit-twemmin imqaddes tagħhom!

Art ta' medda żgħira l-gżejjer tagħna: art żgħira Alla jaħielna, u magħha tana l-lsien għaliha mill-eqdem żmenijiet, biex nibqgħu dejjem inżommu ruħna mwarrbin mill-fehmiet ta' ġnus oħra li għamlu għaliha din Malta tagħna daqskemm sabiħa tgħodd għaliehom ħa' jlaħħqu max-xtajtiet l-oħra l-kbar tad-dinja fil-bejgħ u x-xiri u l-ħafna tħawtil iħor tagħhom; u għadhom sa żmien'na lkoll imxenqin għaliha.

Min kienu l-ewwel nies li għammru fiha?... Qallibt f'ħafna kotba sa qabel ma qbadt nikteb dawn l-erba' kelmiet: *Frammento Critico* ta' Dr. A. A. Caruana, *Malta Cananea* ta' Annibale Preca, *Il-Malti u l-Ilsna Semin* ta' Dr. Dun P. P. Saydon, *Sull'Origine della Lingua Maltese* ta' A. E. Caruana.... Qanagħnin, actarx, sa fejn stajt naqbad, ta' meta wlied Noê kotru u reġgħu għammru l-art wara l-Għarqa tad-dinja, u mbagħad tqassmu u nfirdu kif jissemma' fi Ktieb il-Ġênesi (X, 5) u xterdu u marru jgħammru artijiet oħra. Jekk kienu ġens ieħor li waslu hawn qbilhom jew le ma nafx; jekk ta' lsien semin qaribu jew le, ddakkru minnhom u mil-lsien tagħhom u l-qima tagħhom, tgħallmu x-xogħlijiet u s-snajja tagħhom, u għal mijiet ta' snin qagħdu għall-

ħakma tagħhom, billi l-ħuta l-kbira tibla' ż-żgħira; u baqgħet sejjra hekk għal sittax-il-mitt sena, sa daħlu n-nies ta' Ruma 216-il-sena qabel il-miġja ta' Kristu.

Iżda, meta San Pawl ra l-għarqa tiegħu u ta' sħabu fuq ir-rdumijiet tal-Mistra għal ħabta tal-ħarifa tas-sena 60 ta' wara l-miġja ta' Kristu, (1) sabhom lill-Maltin jitkellmu lsien barrani minn tar-Rumani. U mbagħad x'ħin rahom lill-Maltin iduru bih u bi sħabu u jqabbdu l-ħġejjeġ biex isaħħnuhom, faħħarhom mad-dinja kollha għall-ħniena tagħhom. U l-Maltin baqgħu dejjem iżommu mal-lsien tagħhom, bħalma żammew sħiħ mat-twemmin nisrani li għallimna San Pawl meta f'din l-art *imbierka* nissel żarġun minn ta' Ġebel Sijon, imsoqqi b'Demm Kristu, li ħabbar Danjel fuq l-erba' mitt sena qabel meta fisser lis-sultan Nabukodonosor il-ħolma li kellu mal-lejl (II. 35). U mbagħad, żmien bi żmien, daħlu fuqna l-Griegi, il-Misilmin, il-Konti Ruġġieru l-Aragoniżi sa Karlu l-V, li telaqna f'idejn l-Ordni l-25 ta' Marzu 1530, sa ġew fuqna l-Franċiżi, u rġajna fl-aħħar ħadna rajna f'idejna il-5 ta' Settembru 1800, u bqajna sa għażilna l-Ingliterra biex insiru ħaġa waħda magħha u għamilnih minn idejna t-30 ta' Mejju 1814 fil-ftehima ta' Pariġi. Imma, il-lsien malti, għall-ħniena ta' Alla, kien sombor għalina biex żammejna dejjem b'fehma waħda Insara u Maltin, bħalma wrew ruħhom misserijietna meta flimkien mal-Kavalieri rebħu u farrku is-setgħa tal-Misilmin it-8 ta' Settembru 1565 u b'hekk ukoll ħelsu l-Ewropa kollha min-Nofs-Qamar, l-aqwa għadu tagħha. U Alla ried jinqeda biha din id-daqxejn ta' art imbierka tagħna biex jissebbaħ l-Isem imqaddes tiegħu !

**Alf. M. Galea**

(1) Araw li kiteb Dun P. P. Saydon (fil-MALTI it-tielet sena, faċċ. 13) fuq "Jum il-Miġja ta' San Pawl f'Malta".